

Brussell, 19 ta' Mejju 2021
(OR. fr)

8736/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0126(NLE)**

PECHE 147

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 246 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (mill-2021 sal-2026) tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2021) 246 final.

Mehmuż: COM(2021) 246 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.5.2021
COM(2021) 246 final

2021/0126 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (mill-2021 sal-2026) tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd (FPA) bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea ġie ffirmat fl-4 ta' Ġunju 2007 u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2007 għal perjodu ta' sitt snin. Il-Ftehim jiġġedded b'mod taċitu u għalhekk għadu fis-seħħ. Il-Protokoll preċedenti għall-implimentazzjoni tal-FPA, ta' perjodu ta' tliet snin, daħal fis-seħħ fl-24 ta' Lulju 2013 u skada fit-23 ta' Lulju 2016.

Abbażi tad-direttivi rilevanti tan-negozjar¹, il-Kummissjoni nneozjat mal-Gvern tar-Repubblika tal-Gabon (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Gabon") bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-implimentazzjoni tal-FPA (mill-2021 sal-2026), f'isem l-Unjoni Ewropea. Wara t-tlestija ta' dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll min-negozjaturi fl-10 ta' Frar 2021. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 24 tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu miż-żewġ Partijiet.

Din il-proposta għandha l-għan li tawtorizza l-iffirmar tal-Protokoll għall-implimentazzjoni.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-għan ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat, jiġifieri li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha ħalli titkompla s-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon fil-qasam tas-sajd u ħalli din tissaħħa.

Il-Protokoll għandu l-għan li lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u skont ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni sejsset il-pożizzjoni tagħha, fost l-oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (mill-2013 sal-2016) u ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn l-evalwazzjonijiet saru minn esperti esterni. L-għan huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Gabon ħalli jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u fl-Oċean Atlantiku, fl-interess taż-żewġ partijiet. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jiġu promossi kundizzjonijiet deċenti tax-xoġhol fl-attivitajiet tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- 27 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża;
- sitt bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief;

¹ Adottati tul it-3418 laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-22 ta' Ottubru 2015.

- bastimenti ta' appoġġ skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u fil-limiti stipulati mil-leġiżlazzjoni tal-Gabon;
- erba' bastimenti tat-tkarkir għas-sajd potenzjali għall-krustaċji tal-fond, li jistgħu jiġu awtorizzati skont ir-riżultati tal-kampanji esploratorji.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ġdid għall-implimentazzjoni ta' Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd sostenibbli mal-Gabon jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u jqis b'mod partikulari l-oġettivi tal-Unjoni fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "TFUE"), li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, u l-Artikolu 218(5) tiegħu li jitratta l-iffirmar tal-ftehimiet bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u l-possibbiltà li dawn jiġu applikati b'mod provviżorju.

F'konformità mal-Artikolu 218(5) tat-TFUE, il-Kunsill adotta deċiżjoni li tadotta l-iffirmat tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni żgurat rappreżentanza esterna tal-Unjoni ħliet fi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-politika Estera u ta' Sigurtà Komuni. Għaldaqstant, huma biss l-uffiċjali maħtura mill-Kummissjoni li għandhom il-kompetenza jiffirmaw ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-għan li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridiku, ambjentali, ekonomiku u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Hija tikkonforma ma' dawk id-dispożizzjonijiet u mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2015, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll mill-2013 sal-2016 tal-FPA konkluż mal-Gabon, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll.

Mill-evalwazzjoni ħareġ li s-settur tas-sajd tal-Unjoni huwa interessat ferm fil-possibbiltà ta' sajd fil-Gabon u fit-tiġdid ta' Protokoll li huwa fl-interess taż-żewġ Partijiet. Barra minn hekk,

it-tiġdid tal-Protokoll se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u se jikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza tal-attivitajiet tas-sajd fir-reġjun.

Minħabba l-firxa kbira taż-żona tas-sajd li taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu, għall-Unjoni huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell sottoreġjonali. It-tisħiħ tar-relazzjonijiet mal-Gabon iservi wkoll biex jinbnew l-alleanzi fil-qafas tal-ICCAT. Barra minn hekk, għall-flotta tal-Unjoni, dan ifisser li jinżamm l-aċċess għal żona importanti tas-sajd fejn ikunu jistgħu jintużaw strateġiji tal-qbid skont qafas legali internazzjonali pluriennali. Barra minn hekk, il-qagħda ta' Libreville fil-qalba ta' żona ta' qbid qawwi jagħmilha port potenzjali tal-ħatt l-art, li jikkontribwixxi għar-rilevanza tal-Protokoll il-ġdid previst, kemm għall-industrija tas-sajd tal-Unjoni kif ukoll għall-pajjiż sieħeb. Għall-awtoritajiet tal-Gabon, l-għan hu li jkomplu jżommu relazzjonijiet mal-Unjoni biex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani, biex jibbenefikaw mill-appoġġ settorjali speċifiku li jipprevedi opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali, u biex jixprunaw l-industrijalizzazzjoni tas-settur ta' trasformazzjoni tagħhom permezz tal-attività tal-bastimenti, fil-qasam tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija tagħhom.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bħala parti mill-evalwazzjoni ġew ikkonsultati l-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Gabon. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma japplikax.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ma japplikax.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-ftehim innegozjat jipprevedi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-elementi essenzjali tad-drittijiet tal-bniedem tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou, jew tal-Artikolu korrispondenti fil-Ftehim suċċessur.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-kontroparti finanzjarja annwali tal-UE hija ta' EUR 2 600 000, abbażi ta':

a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon ta' EUR 1 600 000, li huwa ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 32 000 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet li jpassu ħafna;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tal-Gabon, li huwa ta' EUR 1 000 000 fis-sena. Dan l-appoġġ jilħaq l-għanijiet tal-Pjan strateġiku għas-sajd tal-Gabon.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokoll li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena².

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Ftehim ta' Sħubija għas-Sajd Sostenibbli u fil-Protokoll għall-implimentazzjoni tiegħu.

² F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 4331, 22.12.2020).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmat, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni (mill-2021 sal-2026) tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(2) tiegħu flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007², daħal fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2007. Il-Protokoll tiegħu li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontroparti finanzjarja previsti mill-Ftehim skadew fit-23 ta' Lulju 2016.
- (2) Fit-22 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill awtorizza³ lill-Kummissjoni tibda negozjati mar-Repubblika tal-Gabon sabiex tikkonkludi Protokoll ġdid (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll"). Dawn in-negozjati ntemmu kif xieraq u l-Protokoll għall-implimentazzjoni (mill-2021 sal-2026) tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") ġie inizjalat fl-10 ta' Frar 2021.
- (3) L-għan tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika tas-Gabon jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u jippermettu użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u fl-Oċean Atlantiku, filwaqt li jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.

¹ Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 3).

² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007 tas-16 ta' April 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 1).

³ Id-Direttivi tan-negozjati adottati tul it-3418 laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd fit-22 ta' Ottubru 2015.

- (5) Jenħtieġ li dawn il-miżuri jidħlu fis-seħħ malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u l-ħtieġa li titnaqqas kemm jista' jkun l-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat b'mod provviżorju malli jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (mill-2021 sal-2026) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") huwa awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ biex jiġi ffirmat dan il-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni tiegħu, għall-persuna indikata mill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Skont l-Artikolu 24 tiegħu, il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sa ma jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġuni/Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija għas-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (mill-2021 sal-2026)

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB⁶

08 - Agrikoltura u politika marittima

08 05 - Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPA) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO)

08 05 01 - Stabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁷

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. *Objettiv(i) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) ma' pajjiżi terzi jissodisfaw l-objettiv ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għaż-żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tinbena sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiżguraw ukoll konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji li jsiru fil-kuntest ta' politiki Ewropej oħrajn (l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, l-għoti ta' kontribut għall-iżvilupp sostenibbli fil-lati kollha tiegħu u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

⁶ ABM: *Ġestjoni bbażata fuq l-Attività* – ABB: *Ibbaġitjar ibbażat fuq l-Attività*.

⁷ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernati*

Objettiv speċifiku Nru 1

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegożjati u konklużi Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ma' stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

Attività/Attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i

08 05 01 - Stabiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitàjiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Bil-konklużjoni tal-Protokoll għall-implimentazzjoni tkun tista' titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gabon. Bil-konklużjoni tal-Protokoll se jinħolqu opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon.

Il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu wkoll għal titjib tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz tal-appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikulari l-Pjan komprensiv għall-qasam tas-sajd, permezz tas-sorveljanza tal-ġlieda kontra s-sajd illegali u permezz tal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu biex il-Gabon juża r-riżorsi tal-baħar tiegħu b'mod sostenibbli u se jikkontribwixxu għall-ekonomija tas-sajd tal-Gabon billi jippromwovu t-tkabbir u kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol marbutin mal-attivitajiet ekonomiċi tal-qasam tas-sajd.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress tal-proposta/tal-inizjattiva.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll).

Id-*data* dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjiegi u għal kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd u għall-valur miżjud fl-Unjoni u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli oħrajn).

Il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd tal-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, l-aktar dak fuq skala żgħira.

1.5. **Raġuni/Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil*

Hu maħsub li l-Protokoll l-ġdid għall-implimentazzjoni japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar sabiex jitnaqqas il-perjodu li fih l-operazzjonijiet tas-sajd mhumiex possibbli.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Gabon, u se jawtorizzaw lis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dik iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Gabon, bil-ħsieb li jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fil-lati kollha tagħha. B'mod partikulari, dawn jipprevedu l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-*data* dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli

skont il-Protokoll se jgħin lis-Seychelles fl-istrateġija nazzjonali tas-sajd tiegħu, fosthom fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fl-attivitajiet tas-sajd.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Jekk l-Unjoni ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għalhekk hemm valur miżjud ċar ħafna għall-flotta tal-Unjoni ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u Gabon.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi*

L-analiżi tal-qabdiet storiċi fiż-żona tas-sajd tal-Gabon u l-evalwazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslu biex il-Partijiet jistabbilixxu tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għall-ispeċijiet simili li jammonta għal 32 000 tunnellata kull sena, b'opportunitajiet tas-sajd għal 27 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni tal-borża u għal sitt bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasab u x-xlief u għal erba' bastimenti tat-tkarkir għall-krustaeċji tal-fond, li ma kieku ma jkunux awtorizzati abbażi tar-riżultati tal-kampanji esploratorji u tal-eċċess identifikat għall-istokkijiet tal-gambli u tal-granċijiet tal-qiegħ. L-appoġġ settorjali huwa importanti sabiex jitqiesu l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd u tal-użu tar-riżorsi naturali.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-fondi allokatu għall-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess fil-kuntest tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali tal-Gabon. Madankollu, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati lill-Ministeru responsabbli għas-sajd (ġeneralment billi jiddaħħlu fil-liġi annwali dwar il-baġit), minħabba li din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħrajn ta' finanzjament mingħand donaturi oħrajn ta' fondi internazzjonali biex jitwettqu proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta/inizjattiva ta' **durata limitata**

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ mid-data tal-iffirmar fl-2021 u għal ħames snin sal-2026
- Impatt finanzjarju mill-2021 sal-2026

Proposta/inizjattiva ta' **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁸

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nominati minnhom;
- lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- lill-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- lill-korpi tal-liġi pubblika;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

⁸ Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

Kummenti

[...]

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, flimkien mal-uffiċjal tas-sajd tagħha responsabbli għar-reġjun tal-golf tal-Guinea, ibbażat f'Rabat, il-Marokk, u b'koordinazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni) se tiżgura monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd min-naħa tal-operaturi, mad-*data* dwar il-qabdiet u mal-konformità mal-kundizzjonijiet għall-appoġġ settorjali.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li matulha l-Kummissjoni u l-Gabon se jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Protokoll tagħha u jekk ikun hemm bżonn jaġġustaw il-programmazzjoni u l-kontroparti finanzjarja.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Riskju/riskji identifikat(i)

Ir-riskju identifikat huwa li s-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni ma jużawx l-opportunitajiet kollha tas-sajd u li l-Gabon ma jużax il-fondi kollha maħsubin għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd jew idum biex jużahom. Qed jiġi pplanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. Bħala parti minn dawn il-metodi ta' kontroll se ssir ukoll analiżi konġunta tar-riżultati, imsemmija fl-Artikolu 15 tal-Protokoll. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi biex jiġu sospiżi f'ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkustanzi.

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema ta' kontroll intern stabbilita

Il-kontribuzzjonijiet għall-aċċess u għall-appoġġ settorjali se jsiru permezz ta' pagamenti diżakkoppjati.

Il-pagamenti għall-aċċess se jkunu pagamenti annwali li jridu jsiru fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief il-pagament tal-ewwel sena li jrid isir fi żmien 60 ġurnata wara li l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju. L-aċċess tal-bastimenti se jiġi kkontrollat billi jinħarġu l-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

L-ewwel pagament tal-appoġġ se jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju, dejjem jekk jintlaħaq qbil dwar programm annwali u pluriennali ta' implimentazzjoni; għas-snin ta' wara, il-pagament se jkun kundizzjonali għar-riżultati miksuba. Ir-riżultati li jinkisbu u r-rata ta' implimentazzjoni se jiġu mmonitorjati skont il-Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali għall-politika tas-sajd tal-Gabon li l-Partijiet iridu jiftehmu dwarhom, abbażi ta' rapporti jew ta' provi dokumentati li l-pajjiż sieħeb jipprovdi u abbażi ta' evalwazzjonijiet u verifiki tekniċi li jagħmel l-uffiċjal tas-sajd.

2.2.3. *Stima tal-kosteffettività u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' errur*

Il-pagamenti marbutin mal-kostijiet tal-aċċess li jsiru fil-kuntest tal-Ftehimiet ta' Sħubija għas-Sajd Sostenibbli jsirulhom kontrolli biex ikun żgurat li dawn ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli marbutin mal-appoġġ settorjali għandhom l-għan li jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan l-appoġġ. Il-monitoraġġ isir mill-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta' matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F'każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament akkont li jkun imiss jiġi sospiż jew possibbilment jitnaqqas. Huwa stmat li b'kollox il-kontrolli għall-Ftehimiet kollha ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiswew madwar 1,8 % (tal-kontribuzzjonijiet tal-2018). Fil-biċċa l-kbira tagħhom, il-proċeduri ta' kontroll tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jissejsu fuq rekwiżiti regolatorji essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista' jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li jkunu effettivi. Huwa stmat li r-rata medja ta' errur hija ta' 0,0 %.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku mal-Gabon u li tikkoordina b'mod regolari ma' dan il-pajjiż bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kull pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-kuntest tal-SFPA hu suġġett għar-regoli u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B'mod partikulari, il-kontijiet bankarji tal-pajjiżi terzi fejn titħallas il-kontroparti finanzjarja jiġu identifikati bis-sħiħ. Skont l-Artikolu 3(7) tal-Protokoll, il-kontroparti finanzjarja għall-aċċess u dik maħsuba għall-iżvilupp tas-settur għandhom jitħallsu f'kont tat-Teżor Pubbliku.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Intestatura.....]	Diff./mhux diff. ⁽⁹⁾	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁰	mill-pajjiżi kandidati ¹¹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	08.05.01 L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (SFA)	Diff.	LE	LE	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [...][Intestatura.....]	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[...][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁰ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹¹ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat fuq in-nefqa

[Jenħtieġ li din it-taqsimta timtela billi tintuża **l-ispreadsheet dwar id-data baġitarja ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fis-CISNET għall-finijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru 2	Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali
---	---------	---------------------------------------

DĠ MARE			Sena 2021 ¹²	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	TOTAL
• Approprjazzjonijiet operazzjonali								
Numru tal-linja baġitarja 08.05.01	Impenji	(1)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	(2)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi ¹³								
Numru tal-linja baġitarja		(3)						
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1+1a +3	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	=2+2a +3	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13

¹² Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/ tal-inizjattiva.

¹³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	(5)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)						
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt I- INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	=5+ 6	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13

Jekk aktar minn intestatura waħda huma kkonċernati mill-proposta/mill-inizjattiva:

• TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	(5)	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
• TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)						
TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont I- INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	=5+ 6	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	“Nefqa amministrattiva”
---	----------	-------------------------

F'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	SenaN	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: <.....>								
• Riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL DĠ <.....>	Approprijazzjonijiet							

TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont I-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)							
---	---	--	--	--	--	--	--	--

F'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2021 ¹⁴	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	TOTAL
TOTAL tal-approprijazzjonijiet skont I-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13
	Pagamenti	2,6	2,6	2,6	2,6	2,6	13

¹⁴ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/ tal-inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena 2021		Sena 2022		Sena 2023		Sena 2024		Sena 2025		TOTAL
	OUTPUTS												
	Tip ¹⁵	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁶ ...													
- Aċċess għall-		1,6		1,6		1,6		1,6		1,6		1,6	8
- Appoġġ		1		1		1		1		1		1	5
- Output													
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1													
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2...													
- Output													
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2													
KOST TOTALI				2,6		2,6		2,6		2,6		2,6	13

¹⁵ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (pereż.: l-għadd ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

¹⁶ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi...”.

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F' miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ¹⁷	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	----------------------	----------	----------	----------	---	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill-INTESTATURA 5¹⁸ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa amministrattiva oħra se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DG li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DG, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DG tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹⁷ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/ tal-inizjattiva.

¹⁸ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)¹⁹							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ²⁰	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

¹⁹ AC =Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Espert Żagħżuġ fid-Delegazzjonijiet.

²⁰ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn apporprazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Użu tal-linja ta' riżerva (Kapitolu 40).

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeçifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

[...]

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tippredix l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speçifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor

F'miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²¹				
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)
Artikolu						

Għal dħul "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

[...]

²¹ Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % tal-kostijiet tal-ġbir.